

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/1002

tal-21 ta' Ġunju 2022

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-laqgħa straordinarja tal-24 ta' Ġunju 2022 tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija taħt it-Trattat tal-Karta tal-Enerġija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) It-Trattat tal-Karta tal-Enerġija ("it-TKE") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 98/181/KE, KEFA, Euratom ⁽¹⁾ u daħal fis-seħħ fis-16 ta' April 1998.
- (2) Skont l-Artikolu 34 tat-TKE, il-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija tiżgura li l-oġġettivi stabbiliti fit-TKE jintlaħqu. F'konformità mat-TKE u l-Protokoll tiegħu, hi tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-miżuri ġenerali xierqa biex jitwettqu l-prinċipji tal-Karta tal-Enerġija.
- (3) Matul il-laqgħa straordinarja tagħha tal-24 ta' Ġunju 2022, il-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija għandha tadotta: (a) l-emendar tar-Regoli ta' Proċedura tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija; (b) l-irtirar tal-istatus tal-Federazzjoni Russa bħala Osservatur tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija; u (c) is-sospensjoni tal-applikazzjoni proviżorja tat-TKE fir-rigward tal-Belarussja u s-sospensjoni tal-Belarussja bħala Osservatur għat-TKE.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħa straordinarja tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija taħt it-Trattat tal-Karta tal-Enerġija tal-24 ta' Ġunju 2022 fi Brussell għandha tkun din li ġejja:

- (a) li tiġi kkonfermata l-emenda proposta għar-Regola 7 tar-Regoli ta' Proċedura;
- (b) li jiġi approvat l-irtirar tal-istatus ta' osservatur tal-Federazzjoni Russa abbażi ta' dik l-emenda għar-Regola 7, ġustifikata miż-żewġ raġunijiet imsemmija fiha (ksur tal-prinċipji u nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe obbligu finanzjarju);
- (c) li tiġi approvata s-sospensjoni tal-applikazzjoni proviżorja tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija fir-rigward tal-Belarussja, u s-sospensjoni tal-istatus ta' osservatur tal-Belarussja.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-21 ta' Ġunju 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
C. BEAUNE

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 98/181/KE, KEFA, Euratom tat-23 ta' Settembru 1997 dwar il-konklużjoni, mill-Komunitajiet Ewropej, tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija u l-Protokoll tal-Karta tal-Enerġija dwar l-effiċjenza enerġetika u l-aspetti ambjentali relatati (ĠU L 69, 9.3.1998, p. 1).